## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Nru: 153 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mario Bartolo**

Illum, 9 ta' Frar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Mario Bartolo detenur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru: 69056 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Bejn il-25 t' Awwissu, 2018 u t-22 ta' Settembru, 2018 fil-Gzejjer Maltin:

1. Inqast li taghti lill-Rita Bartolo s-somma ta' 466 Euro ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek u / jew martek, fi zmien hmistax- il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dk il-kuntratt kellha tithallas is-somma. (Kap 9, Artikolu 338 (z)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Settembru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 12 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati u ikkundannatu ghall-xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti **Mario Bartolo** minnhu pprezentat fl-24 ta' Settembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Tilqa' l-ewwel aggravju u thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Marius Bartolo, deciza fis-sittax (16) ta' Settembru

tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u konsegwentament tillibera lill-appellanti Mario Bartolo minn kull imputazzjoni u htija;

ii. Fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel aggravju, tilqa' t-tieni aggravju u thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Marius Bartolo, deciza fis-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u konsegwentament tillibera lill-appellanti Mario Bartolo minn kull imputazzjoni u htija;

iii. Fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel u/jew it-tieni aggravju, tilqa' it-tielet (3) aggravju u thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Marius Bartolo, deciza fis-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u konsegwentament tillibera lill-appellanti Mario Bartolo minn kull imputazzjoni u htija;

iv. Fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel jew it-tieni u/jew it-tielet aggravju, tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati u tirrevoka l-piena inflitta u minflok tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat illi l-appellant, **Mario Bartolo** hass ruhu aggravat minn din is-sentenza.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;

**L-Ewwel Aggravju - illi isem l-appellant huwa indikat hazin fis-sentenza u ghalhekk isegwi li sentenza li fiha l-imputat gie ndikat hazin ma tirrigwardax lilu, avolja kien hu li fil-fatt kien gie kkundannat. Ghaldaqstant jekk dak l-imputat jappella minn dik is-sentenza, is-sentenza ma tistax tigi korretta fl-appell u l-konsegwenza ma tistax tkun hlief dik illi l-persuna kkundannata bis-sentenza appellata mhux ir-rikorrenti fl-appell; u ma tolqotx lilu u ma hiex ezegwibbli kontra tieghu.**

1. Dan l-aggravju huwa bbazat fuq il-principju li isem l-appellanti huwa Mario u mhux Marius;7
2. L-esponenti jirrileva li huwa jismu 'Mario' Bartolo;

3. L-appellanti jirreferi ghal diversi sentenzi u gursidprudenza li tipprovdi dwar dan l-aggravju:

4. Illi fis-sentenza li giet deciza mill-Ewwel Qorti nhar is-sittax (16) ta' Settembru, tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), il-Qorti indikat l-isem tal-appellanti bhala 'Marius' u mhux Mario;

5. Illi dan ma huwiex l-isem li l-esponenti ghandu fuq il-karta tal-identita tieghu u ghalhekk hass li ghandu jressaq dan l-aggravju;

6. L-esponenti jirreferi ghas-sentenza moghtija nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elf disgha mija u disgha u hamsin (1959), deciza mill-Imhallef Dr. W. Harding fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Robert Pace Bordin</u>** – fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet iddecidiet hekk:

   *'Sentenza li fiha l-imputat gie ndikat hazin ma tirrigwardax lilu, avvolja kien hu li fil-fatt kien gie kkundannat. Ghaldaqstant jekk dak l-imputat jappella minn dik is-sentenza is-sentenza ma tistax tigi korretta fl-appell u l-konsegwenza ma tistax tkun hlief dik illi l-persuna kkundannata bis-sentenza appellata mhux ir-rikorrenti fl-appell; u ma tolqotx lilu u ma hiex ezegwibbli kontra tieghu. U ma jkunx hemm lok li l-Qorti tal-Appell tipprovdi ulterjorament fuq l-appell, wara li tkun iddikjarat din l-inapplikabbilta u inezegwibilita;*

7. Illi l-fatti f' dan il-kaz kienu tali fejn ir-rikors kien sar minn Robert Pace 'Bardon' li appella mis-sentenza moghtija mill-Qorti Kiminali tal-Magistrati ta' Malta tad-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u disgha u hamsin (1959), li fiha kien gie misjub hati talli saq b' manjiera traskurata u bla kont; il-Qorti tal-Appell kienet ikkunsidrat dan li gej:

*Is-sentenza appellata hi fil-konfront ta' individwu li ismu u kunjomu huma Robert Pace 'Bordin.' Ebda korrezzjoni ma rrizulta maghmulha in prima istanza; Ir-rikors sar minn idividwu li ismu u kunjomu huma Robert Pace 'Bardon' Id-difiza u l-prosekuzjoni jaqblu li l-kundannat f' dawn il-proceduri kien imissu gie dezinjat bhala Robert Pace 'Bardon'. Korrezzjoni f'din l-istanza ma tistax issir skont il-gurisprudenza in materja (ara Appell Kriminali* ***Pulizija vs. Raymond Cassar*** *– 29 ta' Settembru 1956 u Appell Kriminal* fl-ismijiet ***Pulizija vs. Francis Biancho*** deciza fl-4 ta' Mejju 1957; *Illi ghalhekk din il-Qorti tipprovedi billi tiddikjara li l-kundannat fis-sentenza fuq imsemmija hu Robert Pace 'Bordin' u mhux ir-rikorrenti Robert Pace 'Bardon' u li ghalhekk dik is-sentenza ma tolqotx lill-imsemmi rikorrent u ma hiex ezegwibbli kontra tieghu. Konsegwentement tiddikjara li ma hemmx lok li tipprovvedi ulterjorment fuq dan l-appell;'*

8. Illi ghalhekk l-appellanti jikkontendi li tenut kont li ismu gie indikat bhala Marius, meta huwa jismu Mario, illi huwa ghandu jigi lliberat mill-akkuza kif deddotta kontra tieghu;

**It-tieni Aggravju – l-Ewwel Qorti kellha ssegwi l-principju in dubio pro reo stante li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li naqset tipprova element essenzjali ta' l-imputazzjoni, u dana peress li l-kuntratt ta' separazzjoni ma jispecifikax x' kellu jigri gialadarba l-esponenti jaqa bil-pensjoni - tant hu hekk li anki l-parte civile intavolat rikors generali sabiex tirregola l-posizzjoni taghha;**

9. Illi l-appellanti Mario Bartolo (minn hawn aktar 'il quddiem "l-appellanti") kien akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali 25 t' Awwissu, 2018 u t-22 ta' Settembru, 2018, fil-Gzejjer Maltin inqast li taghti lill-Rita Bartolo, is-somma ta' 466 EURO ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek u/jew martek fi zmien hmistax-il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma." (Kap 9 Artiklu 338(z)).

Illi permezz tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), dik il-Qorti iddecidiet billi sabitu " *ghalhekk ghal dawn il-mottivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 12 u 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat hati u tikkundannah ghall-xahar (1) detenzjoni.'*

10. Illi din l-akkuza kienet harget wara li l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt tas-separazzjoni;

11. Illi l-kuntratt ta' separazzjoni ma jispecifikax li l-manteniment kellu jibqa' jithallas meta l-appellanti jigi bil-pensjoni – anzi hemm imnizzel biss li kellu jinqata mill-paga tal-intimat, u ghalhekk issa li ma hemmx paga minn fejn jinqata' kellha ssir talba ghal-likwidazzjoni ta' tali manteniment tenut kont li l-esponenti issa huwa pensjonant;

12. Illi tant hu hekk li l-parte civile intavolat rikors quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex tirregola l-posizzjoni taghha; liema talba giet michudha u dana in vista tal-fatt li l-esponenti kien diga ghamel talba sabiex jigi likwidat manteniment li jirrifletti l-mezzi tal-esponenti issa li hu penzjonant;

13. Illi l-esponenti intavola ir-rikors fl-atti tal-medjazzjoni li hemm pendenti fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-Ittra numru 417/2018 sabiex jigi likwidat manteniment ghall-martu li jirrifletti l-pensjoni tieghu li hi l-unika dhul tieghu issa li ma ghandux paga ta' portworker; u kellu sahansitra jintavola kawza quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jitlob li ssir revizjoni ta' tali manteniment u dana hekk kif ma kien hemm ebda triq ohra ghajr li jsir dan sabiex l-esponenti jigi xolt mill-obbligu li huwa sfortunatament intrabat bih – liema obbligu kien ghalih wiehed ambigwu u li ma kellux ghalfejn jigi interpretat b'dan il-mod;

14. L-esponenti jghix fil-kera u ma huwiex persuna ta' mezzi ghajr din il-pensjoni li huwa ghandu u xejn aktar – liema pensjoni issa huwa jrid sahansitra jikkura lilu nnifsu biha peress illi huwa spicca ghadda ricentement minn zewg operazzjonijiet ghax tilef subghajh ta' saqajh;

15. Huwa persuna li spicca jrid jghix ma' hutu ghax ma ghadux tajjeb sabiex jiehu hsieb tieghu nnifsu wahdu u hutu jsajjrulu u jiehdu hsieb il-bzonnijiet tieghu;

16. Illi fil-prezent l-esponenti jircievi biss €900 fix-xahar bhala pensjoni li jrid juzahom sabiex mhux biss jiehu hsieb il-bzonnijiet medici tieghu izda anki jrid jaghmel tajjeb ghall-kura li hutu jipprestawlu;

17. Illi fl-artikolu hamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni ma hemm imkien imnizzel li l-manteniment jibqa' jithallas wara li l-esponenti johrog bil-pensjoni – anzi hemm imnizzel din is-somma kellha tithallas lill-mara mill-employer tieghu;

18. Illi issa li l-esponenti spicca mix-xoghol u qieghed bil-pensjoni, huwa ha hsieb ukoll li jintavola il-proceduri odjerni tal-medjazzjoni sabiex tigi regolata s-sitwazzjoni ta' bejn u bejn l-mara tieghu l-parte civile, Rita Bartolo, tenut kont il-bdil fil-mezzi u cirkostanzi billi hu ma ghadux jahdem u jaqla l-flus li kien jaqla qabel;

19. Illi huwa in vista ta' dawn il-fatti li l-appellanti jikkontendi li giala darba kien hemm ammess anki mill-parte civile li hi intavolat rikors generali sabiex tirregola l-posizzjoni taghha, li japplika l-principju *in dubio pro reo;*

20. Illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma hijiex Qorti li tista' tinterpreta l-Kuntratti; u qas li kieku gialadarba l-parte civile stess waqt ix-xhieda taghha ammettiet li qatt ma ftehimu dwar x' ser jigri wara li johrog bil-pensjoni u ntavolat rikors (li gie michud) liema rikors huwa esebit in atti – li l-principju in dubio pro reo kellu jimmitiga favur l-appellanti;

21. Il Qorti ma hemm l-ebda manteniment dovut sabiex jigi mhallas lill-parte civile u dana peress li l-kuntratt ta' separazzjoni ma jispecifikax x' kellu jigri gialadarba l-esponenti jigi bil-pensjoni;

22. Ghaldaqstant l-appellanti jikkontendi li l-Ewwel Qorti kellha ssegwi l-principju in dubio pro reo stante li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz

taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li naqset tipprova element essenzjali ta' l-imputazzjoni, u dana peress li l-kuntratt ta' separazzjoni ma jispecifikax x'kellu jigri gialadarba l-esponenti jaqa' bil-pensjoni - u li in segwitu ghalhekk l-appellanti kellu jigi liberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

**It-tielet Aggravju – Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti ma ghandux il-mezzi sabiex ihallas il-manteniment ghax huwa issa penzjonant u ma ghadux jippercepixxi l-paga li kellu qabel u ghalhekk invoka l-principju *ad impossibilia nemo tenetur;***

23. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji suesposti, l-appellanti jikkontendi li tenut kont li l-mezzi tieghu issa naqsu drastikament peress li hu qabel kien port worker - huwa ma ghadux fil-possibilta li jghaddi manteniment ta' erbgha mija u sitta u sittin ewro (€466) kull 4 gimghat;

24. Illi oltre hekk, il-fatti kienu ammessi anki mill-parte civile, li kkonfermat li taf li hu issa qieghed bil-pensjoni;

25. Illi huwa fid-dawl ta' dawn is-sottomisjonijiet li l-appellanti jikkontendi li l-principju *ad impossibilia nemo tenetur* huwa ta' ostakolu biex tista' tinstab responsabbilta` kriminali.

26. Illi din l-impossibilta tieghu kienet a konoxxenza anki tal-parte civile – li sahansitra applikat b' rikors generali quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex tipprova tissana l-posizzjoni taggha;

27. Ghaldaqstant l-appellanti jikkontendi li gialadarba c-cirkostanzi kienu tali li huwa:

    (i) Lanqas kien hemm ordni sabiex tali manteniment jithallas wara li l-appellanti jispicca mill-impjieg, peress li dan il-manteniment kien mahsub li jissusiti sakemm jibqa' bil-paga u impjiegat;

(ii) Lanqas hemm il-fondi minn fejn tali manteniment jinqata;

Li l-appellanti jikkontendi li japplika l-principju ad impossibila nemo tenetur u li dan it-tieni aggravju tieghu ghandu jigi milqugh;

Ikkunsidrat,

Rat l-atti tal-kawza u l-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti a fol. 49 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li l-appellant diga ksier duffrejgh mal-ligi f'diversi okkazzjonijiet . Jirizulta ukoll li l-appellant diga instab hati ta reati in konnessjoni mal-aprte civile u cioe martu fuq theddid, insulti u ingurji fil-konfront taghha u dan f'diversi okkazzjonijiet. Kif ukol talli naqas li ihallas manteniment lill-martu u uliedu u ukoll mhux f'okkazzjoni wahda u ta' dan din il-qorti trid tiehu konsiderazzjoni jekk tigi biex issib htija fil-konfront tal-akkuzat.

Rat dak li gie verbalizzat waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar, 2021 u cioe li seduta stante ghadda lil martu l-parte civile cekk fl-ammont ta' €3,058 liema ammont fil-fehma tieghu ikopri l-pretensjonijiet tal-parte civile in konnessjoni mal-akkuzi li l-akkuzat ghandu quddiem din l-istess Qorti fuq il-lista tal-illum enumerati numru 14 sa 26. F'dan ir-rigward l-parte civile Rita Bartolo tramite l-avukat taghha iddikjarat li kienet qed taccetta dan il-hlas u taqbel li l-ammont ikopri dak kollu dovut lilha in konnessjoni mal-kawzi li hemm fuq il-lista tal-Qorti tas-seduta ta' llum.

In oltre l-parte civile tramite l-avukat taghha Dr Maxine Gatt infurmat l-Qorti li illum hemm xi rikors pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (sezzjoni Familja) fejn l-appellant qed jitlob revisjoni tal-ammont qua valur ta' manteniment dovut lilha. Tghid ukoll li stante li l-appellant irregola ruhu u hallasha dak dovut lilha hija ma hiex qed tinsisti li din il-Qorti tikkonferma l-piena imposta mill-ewwel Qorti u cioe dik ta' detenzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi bhala fatti mill-provi akkweziti jirrizulta is-segwenti:-

1. Illi l-appellant jinsab de iure separat minn ma martu l-parte civile Rita Bartolo skond kutnrat ta' separazzjoni prezentat fl-atti datata 7 ta' Mejju 2010 fl-atti tan Nutar Sean Critein ( Dok MB1)[1]. Illi fil-verbal tas-7 ta Ottubru 2019[2] hemm indikat li l-partijiet qed jaqblu li x-xhieda tal-aprte civile moghtija f'din il-kawza tapplika ghal kawzi kollha l-ohra pendenti bejn il-partijeit fuq il-lista ta' illum.
2. Illi skond dan il-kuntratt u appuntu l-hames (5) klawsola, l-appellant kien intrabat li jhallas lil martu Rita Bartolo ghall-bzonnijiet taghha s-somma ta' erba mija u sitta u sittin eruo (€466) kul erba' gimghat, liema ammont ma jigix awmentat taht l-ebda cirkostanza. In oltre intrabat ukoll li jibqa' jhallas dan il-manteniment jekk martu issib xoghol *part time* u anke *full time.* Jinghad ukoll li l-partijiet qablu li din s-somma titnaqqas direttament mill-paga tal-appellant u tithallas direttament lil martu Rita Bartolo minghand l-empoloyer tieghu kul erba' (4) gimghat.
3. Skond Rita Bartolo hija ma thalsitx tal-manteniment dovut lilha ghall-perijodu bejn l-25 ta' Awwissu, 2018 u t-22 ta' Settembru, 2018 kif imsemmi fl-akkuza.
4. Illi skond ix-xhieda ta' Mario Bartolo moghtija nhar is-7 ta' Ottubru, 2019 jirrizulta li verament huwa ma ghaddhiex l-manteniment dovut lil martu u dan ghaliex jghid li ma jistax jghamel dak ordnat lilu u dan ghaliex waqaf jahdem zmien ilu. Jghid ukoll li huwa offra li jhallasha s-somma ta' mitejn euro (€200) minflok is-somma miftiehma fil-kunbtratt ta' separazzjoni ( dok MB 1) ta' erba mija u sitta u sittin eruo (€466) kul erba' gimghat izda r-rikorrenti ma accettatx. Jghid ukoll li lillum il-gurnata hemm proceduri pendenti l-Qorti sabiex din is-somma titnaqqas.
5. Ghalhekk bhala fatti jirrizulta bic-car li l-parte civile ma ircevietx l-manteniment imsemmi fl-akkuza dovut lilha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

[1] Fol. 16
[2] Fol. 14

Fl-ewwel lok l-appellant fl-aggravji tieghu jghid li isem l-appellant huwa indikat hazin fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan ghaliex huwa indikat bhala Marius meta fil-fatt huwa jismu Mario u huwa mgharuf bhala Marius u ghalhekk fis-seduta tal-5 ta' Jannar, 2021 talab li jsir korrezzjoni biex jigi indikat bhala Mario. L-Avukat Generali ma oggezzjonax ghal tali talba u ghalhekk l-Qorti ghaddiet biex tordna lir-registratur jghamel il-korrezzjoni kif mitluba u ghalhehh l-ewwel aggravju illum jinsab sorvolat.

Fit-tieni lok, l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kellha isegwi l-principju ta' *in dubbio pro reo* u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-kaz taghha lil hin minn kul dubbju dettat mir-raguni u dan ghaliex l-kuntratt ma jspecifikax x'jigri una volta jieqaf mix-xoghol u jibda jghix bil-pensjoni.Jghid ukoll li fil-fatt kien ipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-familja sabiex il-klawsola dwar manteniment tigi kjarifikata u cioe x'ghandu jsir issa li l-appellant huwa bil-pensjoni.

Illi fir-rigward ta' diskrezzjoni ta' apprezzament ta' provi mghamula mill-ewwel Qorti jinghad kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, *'principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (vide **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Zahra[3],</u> <u>Il-Pulizija vs Charles Victor Edward Cassar</u>**[4] u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx *"safe and satisfactory"* li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti.

Illi huwa minnu li l-kuntratt ma jipprovdix x'ghandu jsir una volta l-appellant jsipicca mix-xoghol pero zgur li mhux l-kompitu ta' din il-Qorti li timla dan il-vojt. L-ewwel Qorti iddecidiet li stante li ma kienx hemm provediment li jittratta din is-sitwazzjoni l-manteniment jibqa' dovut. Ma dan ir-raggunament din il-

---

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-10 ta 'Mejju, 2002
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar id-29 ta' Mejju, 2003

Qorti taqbel u dan in ommagg ma dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Publius Said**[5] fejn ghamlet referenza ghal sentenza ohra moghtija minn din l-istess Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar**[6] li kienet irriteniet testwalment hekk :-

*" ......"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (**Pol. vs. Lawrence Cutajar** [7] u **Pul. vs. Carmelo Farrrugia**[8] ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ……….*

*kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null .*

*Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*

1. *li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)*
2. *li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma ."*

Fit-tielet lok l-appellant isostni li huwa ma onorax l-obbligu tieghu tal-hlas stante li ma kienx f'posizjoni li jghamel dan a bazi tal pruincipju ta' *ad impossibilia nemo tenetur stante* li spicca bla xoghol. F'dan ir-rigward il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs John Debono**[9] fejn issir referenza b'mod speċjali għall-kliem li jidher a fol 5 tas-sentenza u qed tirroproduċieh:

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar id-9 ta' Lulju, 2003
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-2 ta' Settembru, 1999
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nharl-10 ta' Marzu, 1995
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar, 1998
[9] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Gunju, 2011

*'il-fatt li persuna tisfa bla xogħol ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-digiret tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili.......Ir-rimedju li ġgandu u li kellu jieħu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utli lill-Qorit Ċivili kompetenti biex din, wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni tal-manteniment.'*

U din l-Onorabbli Qorti zzid li dawn il-proċeduri għandhom jinbdew mal-ewwel u mhux wieħed jistenna li jittieħdu passi kriminali jinsab hati u imbagħad jibda jiċċaqlaq. F'dan ir-rigward ikun utli li ssir referenza ghas-sentenzi citati fis-sentenza appena citata u cioe '**Il-Pulizija versus Louis Grixti**,[10] **Il-Pulizija vs Kang Sell,[11]** '*Il-Pulizija versus Carmel Borg*,[12] '**Il-Pulizija vs Lawrence Mifsud,[13]** u **il-Pulziija vs Nicholas Azzopardi.**[14]

Il-Qorti hija soddisfatta li l-manteniment ma tħallasx għall-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni u li l-appellant kien obbligat li jħallas tali manteniment. Mhix taċċetta wkoll li fil-każ ta' llum jgħodd il-prinċipju '*Nemo ad impossibilia tenetur.'*

Fir-raba lok ghalkemm mhux f'forma ta' aggravju l-appellant talab li din il-Qorti taghti piena iktar idoneja jekk tasal biex issib lill-appellant hati tal-akkuza. Issa kif intqal fis-sentenza fi-ismijiet **Il-Pulizija (Spt.T. Micallet) vs John Gauci**,[15] *"mhux normali Ii din il-Qorti tal-Appell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva. Dan għax, kif ġie ritenut f-Alppell Kriminali (Superjuri) . "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler[16]** :-*

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata milI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari*

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar is-7 ta' Jannar 2010
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-28 ta Lulju 1994
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar id-19 ta Ottuibru, 2009
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-15 ta' Ottubru, 2009
[14] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-30 ta' April 2009
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar is-26 ta Marzu 2009
[16] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar is-26 ta Frar 2009

*tal-każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll* ***Ir-Repubblika ta 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard***[17]*")*

Illi fil-kaz odjem tal-appellant Mario Bartolo, mhuwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghalkemm tista tidher li hi eccessiva ghaliex tirrientra fid-detenzjoni ta bniedem , kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jekk wiehed iqis l-kontravenzjoni bħala reat kontinwat.

Illi madankollu kif ġara fil-kaz tal-Appell Kriminali ċitata supra fI-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci,** u fil-kaz ta' **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**, irrizulta Ii fil-mori tal-appell, I-appellant ser ikun għamel dak kollu possibbli biex hallas dak dovut minnu bhala manteniment skont l-imputazzjoni, u għalhekk ser tkun proprju seħħet "ċirkostanza .sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Qorti", li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tieħu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata u li ghalhekk tista' tagħti lok għal temperament fil-piena.

Illi mhux hekk biss iżda talli jigi umilment rilevat Ii dan mhux każ ta' xi hadd li jrid jisfida l-ordni tal-Qorti ghall-hlas tal-manteniment, izda biss persuna li minhabba riduzzjoni drastika fl-introjtu tieghu, sab ruhu fl-impossibilita li jonora l-obbligu tiegħu li jħallas manteniment li huwa sostanzjali. Illi fil-fatt minn meta gie iffirmat l-kuntratt ta separazzjoni u cioe fis-sena 2010 fejn gie ikkwantifikat il-manteniment pagabbli mill-appellant, l-appellant spicca minghajr impieg u jghix bil-pensjoni *u* għalhekk il-kapaċita' tiegħu Ii jiġġenera introjtu prattikament zvinta fix-xejn. Dan kollu magħdud fiimkien ser iwassal ghan-nuqqas ta' ottemperanza mas-sentenza tal-l-ewwel Qorti, u l-ebda raguni ohra.

Illi huwa ukoll minn li dan ma hux l-ewwel kaz fejn l-appellant qed jidher quddiem l-Onorabbli Qorti akkuzat b'reat simili pero f'din l-okkazzjoni jirrizulta li in effetti ghamel hiltu kollha biex gab l-flus biex ihallas lil-parte civile ta' dak kollu pretiz skond dawn il-proceduri u tlettax-il kaz iehor u ghalhekk ta' dan din l-Qorti trid taghti rikonoxximent.

[17] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Superjuri) nhar il-20 ta Marzu, 2009

Rat li waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar, 2021 mart l-appellant Rita Bartolo stqarret li issa hija kienet tħallset il-pendenzi kollha u ma keinitx qed tinsisti li din l-Onorabbli Qorti timpoingi piena ta' detenzjoni. Għalhekk il-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena.

Il-Qorti qed tirriforma s-sentenza moghtija fis-16 ta' Settembru 2020 fl-ismijiet premessi billi waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati u qed thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn kien ikkundannat għal xahar detenzjoni u minflok qed tikkundannah iħallas amenda ta' €58.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef